# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 9 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 48.**
**Citazz. Nru. 1029/00 JRM.**

**Simonds Farsons Cisk plc.**

**vs**

**Mario Ellul u Dominic Zammit.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi b'skrittura li ggib id-data tal-1 ta' Dicembru 1995, id- ditta attrici ghaddiet lill-konvenuti s-somma ta' Lm2,500, fil-waqt li l-konvenuti, li kienu jiggextixxu l-istabillimenti maghrtufa bl-isem ta' Woodpecker Bar and Restaurant, Bugibba, obbligaw ruhhom "not to sell, exhibit or put up for sale any beers, soft drinks, mixers, fruit juices and table waters except those beers, soft drinks, mixers, fruit juices and table waters produced or marketed by the Company", cioe", ta' dik attrici, u dana ghall-periodu ta' hames snin sakemm il-konvenuti jiskontaw is-somma moghtija lilhom b'discounts fuq prodotti mixtrija minghand id-ditta attrici;

Illi l-konvenuti kisru dan il-ftehim u, ghalhekk, il-konvenuti ghandhom jitqiesu li ddekadew mill-beneficcju tat-terminu moghti lilhom u ghandhom jigu kkundannati jhallsu kull bilanc dovut;

Illi mill-imsemmija somma ta' Lm2,500, il-konvenuti skontaw biss parti minnha, u ghandhom ihallsu l-bilanc Lm2,053.18;

Illi l-konvenuti interpellati biex ihallsu din is-somma, anke ufficcjalment, baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Jigi dikjarat li l-konvenuti agixxew bi ksur tal-ftehim fuq imsemmi u ghandhom, ghalhekk, jirrifondu lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta' Lm2,053.18, u konsegwentement;

2. L-istess konvenuti jigu kkundannati jhallsu lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta' Lm2,053.18 (elfejn u tlieta u hamsin liri maltin u tmintax-il centezmu) dovuti lilha kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu, 2000, u bl-imghaxijiet legali tat-8% mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;
'

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu, 2000 u bl-imghaxijiet legali tat-8% mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali, kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**9 t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**9 t'Ottubru, 2000.**